Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/3441

25.6.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Ġunju 2025

## li tinnomina l-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni

(C/2025/3441)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-reġistru tal-Unjoni huwa bażi tad-data elettronika standardizzata li fiha elementi ta' data komuni li jittraċċaw il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni, kif applikabbli, tal-kwoti, u jipprevedu l-aċċess pubbliku u l-kunfidenzjalità, kif xieraq. Ir-reġistru tal-Unjoni jżomm il-kwoti għat-twettiq tal-proċessi relatati mal-manutenzjoni tal-kontijiet ta' depożitu miftuħa fl-Istati Membri.

(2) Skont id-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinnomina Amministratur Ċentrali biex jopera u jżomm ir-Reġistru tal-Unjoni, inkluża l-infrastruttura teknika tiegħu.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika jiġi nominat bħala l-Amministratur Ċentrali tar-reġistru tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Wopke HOEKSTRA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj).